MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 194/2014

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv Nru 13 / 2014 fl-ismijiet :**

**Blokrete Limited**

**(C 263)**

**-VS-**

**Kenneth Vassallo (Kl 282176M), Jimmy Vassallo (KI 135678M), Stefania Vassallo (KI 471174M) u Cheryl GraceVassallo (KI 450691M) u Clearly International Limited (C 25353)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta’ Kenneth Vassallo et tas-27 ta’ Frar, 2014 li jaqra hekk:

1. *Illi l-odjerna s-socjeta' intimata talbet u otteniet l-hrug tal-mandat ta' sekwestru Numru 13/2014 (Dok A) fil-konfront tar-rikorrenti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ammont ta' tnax-il elf tmien mija u erbgha u tmenin Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€12,848.87) oltre spejjez ammontanti ghal mitejn hamsa u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmi (€295.63) u dana allegatament dovuti in esekuzzjoni ta'ittra ufficjali Numru 99/2014 datata 13 ta' Jannar 2014 (Dok B) li allegatament irrendiet ezekuttiv il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppublikat min-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat 28 ta' Frar 2013 (Dok C).*

2. *Illi dan il-mandat inhareg abuzivament fil-konfront tieghu u jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi revokat fl-intier tieghu u dana ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12.*

3. *Illi l-istess att gudizzjarju huwa karpit minn zewg (2) difetti li jrendu l-istess att null u invalidu b'tali mod li ma jaghtix l-effett rikjest mis-socjeta' kreditrici. Di fatti l-ewwel giet prezentata ufficjali Numru 2843/2013 datata 20 ta' Settembru 2012 mentri giet prezentata fl-20 ta' Settembru 2013 (Dok D). ln oltre, il-kuntratt notarili ghalkemm datat 28 ta' Frar 2013 gie indikat bhala datat 28 ta' Novembru 2013. Ghalhekk l-ittra ufficjali ma tistax tanticipa l-istess att pubbliku li jissosstanzja l-allegat kreditu dovut. Sussegwentement giet prezentata ittra ufficjali ohra fit-13 ta' Jannar 2014 Numru 99/2014. Il-mandat proprju gie pprezentat fis- 7 ta' Jannar 2014 imma minhabba li kien difettuz anke fuq ordni tal-istess Onorabbli Qorti gie pprezentat mandat iehor fit-3 ta' Frar 2014 izda nzamm l-istess numru. Di fatti l-esponenti gew notifikati biz-zewg ittri ufficjali. Jirrizulta mill-kopja annessa li f'dan is-sens l-istess mandat ma setax jigi korrett u/jew sostitwit. Di fatti z-zewg mandati ghandhom l-istess numru.*

4. *llli in oltre l-kuntratt notarili ta'kostituzzjoni ta' debitu fl- atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat 28 ta' Frar 2013 kien jinkludi beneficcju tat-terminu ghall-pagament bid-dekadenza fl-eventwalita' tan-nuqqas tal-istess pagament. Una volta hemm tali dekadenza l-istess dekadenza ma tistax tigi dikjarata b'mod definittiv jekk mhux bi procedura appozita ta' proceduri kontenzjuzi u mhux semplicement ghalhekk b'semplici ittra ufficjali li rrendiet l-istess kuntratt ezekuttiv.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikkjara l-ittra ufficjali fuq indikata Numru 99/2014 datata 13 ta' Jannar 2014 ma setghatx ikollha l-effett li tiddikkjara l-kuntratt indikat bhala wiehed ezekuttiv.*

1. *Tordna li jigi revokat ghal kollox il-mandat ta' sekwestru fuq indikat Numru 13/2014 u dana ai termini tal-Ligi*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata salv kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra taghha mil-lum ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Marzu 2014 illi bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-Erbgha 12 ta' Marzu 2014 fin-12:30am.

Rat illi l-atti tar-rikors , digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat ir-risposta ta' Blokrete Limited tat-12 ta' Marzu 2014 li taqra hekk:

1. *IIli fl-ewwel lok l-esponenti umilment tirrileva illi din l-Onorabbli Qoru ghandha tichad ir-rikors tal-ezekutati u dan ghar-ragunijiet segwenti*

*Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:*

1. *Illi l-esponenti kienet kriet il-fond 1, Idexe, Triq il-Kostituzzjont, Mosta lis-socjeta Clearly Limited. Illi l-kirja giet terminata u l-istess Clearly Limited kien ghad fadlilha thallas is-somma ta' €14.455 lill-esponenti rapprezentanti arretrati ta' kera.*

2. *Illi fit-28 ta' Frar 2013, Blokrete Limited u l-ezekutati kollha iffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li gie ippubblikat min-Nutar Dottor Clinton Bellizzi.*

3. *IIIi d-dejn li dwaru sar l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien proprju l-arettrati ta' kera. Dak id-dejn kien wiehed veru, cert u likwidu u kien ghalaq.*

4. *Illi fit-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu gie stipulat illi l-ammont shih kellu jithallas fi zmien sitt xhur mit-30 ta'April 2013 u cioe sat-30 ta' Ottubru 2013. Gie stipulat illi l-hlas kien ser isir f'pagament rateali mensili minghair imghax u li kemm-il darba l-ezekutati odjerni ma jhallsux tlett pagamenti konsekuttivi, il-bilanc shih ikun dovut minnufih u jibdew jiddekorru imghaxxijiet mill-1 ta' Marzu 2013.*

5. *Illi sar biss pagament wiehed fit-30 ta' April 2013 u ghaldaqstant sal-ahhar ta' Lulju 2013, l-ezekutati odjerni kienu rrendew ruhhom moruzi fil-hlas ta' tlett pagament konsekuttivi, ai termini tal-istess kuntratt, u ghalhekk fl-20 ta' Settembru 2013 giet pprezetata ittra ufficjali. Minkejja li d-data giet erronjament indikata bhala l-20 ta' Settembru 2012, it-timbru tal-prezentata huwa tal-20 ta' Settembru 2013 u ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubju meta giet pprezentata. Inoltre mal-istess ittra gie pprezentat kopja tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li kien qed jigi rez ezegwibbli permezz tal-istess ittra u ghalhekk ghal darb' ohra m'hemm l-ebda dubbju ghal liema kuntratt kienet qed issir riferenza.*

6. *Illi madankollu f1t-13 ta' Jannar 2014, giet pprezentata ittra ufficjali, ohra,li permezz taghha l-kuntratt tat-28 ta' Frar 2013 kien qed jigi, rez titolu ezegwibbli. Illi din l-*

*ittra ufficjali giet debitament notifikata lilll-ezekutati odjerni u kienet proprju a bazi ta' din l-ittta ufficjali li effettivament inhareg il-mandat ta' sekwestru de quo.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi l-ezekutati jallegaw illi peress illi il-kuntratt tan-Nutar Bellizzi tat-28 ta' Frar 2013 kien jinkludi beneficcju tat-terminu ma setax jigi rez ezekuttiv u ezegwibbli permezz ta' ittta ufficjali.*

*Illi din t-tezi hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*L-Artikolu 253 (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka bhala titolu ezekuttiv:*

*'il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta' Malta. .... meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert,likwidu u li ghalaq, u ma jikkostitwix f'esekuzzjoni ta' fatt'*

*Illi ma hemmx dubju jew kontestazzjont li l-kuntratt in kwisjtjoni kien ricevut minn nutar pubbliku ta' Malta u li d-dejn in kwistjoni huwa cert u likwidu u li ma jikkostitwix f'eskekuzzjoni ta' fatt.*

*Illi l-kontestazzjoni tidher li tippernja  fuq il-kwistjoni dwar jekk l-istess ghalaqx o meno.*

*Illi f'dan ir-rigward l-esponenti umilment tirileva u tishaq illi d-dejn li dwaru huwa l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, kienu l-ammont dovuti bhala aretrati ta' kera. Meta gie ippubblikat il-kunttatt de quo, dan id-dejn kien diga ghalaq.*

*Illi biex jigi allegat li ghas-semplici fatt li nghata beneficcju tat-terminu, id-dejn issa sar wiehed li ma ghalaqx, qed jigi, implikat li sehhet novazzjoni. Fil-kaz odjern dan certament ma setax isehh u dan minhabba li skond l-Artikolu 1180 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kwalunkwe novazzjoni ma tistax tigi prezunta u kwindi ghandha tkun espressa. Mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu minn imkien ma jirrizulta li l-partijiet kellhom intenzjoni jaghmlu novazzjoni tad-debitu ezistenti u li kien diga ghalaq.*

*Illi l-kuntratt tat-28 ta' Frar 2013 kien car fl-istipulazzjoni li f'kaz illi l-ezekutati odjerni ikunu moruzi fi tlett pagamenti konsekuttivi, il-beneficcju tat-terminu kien jintilef. Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati:*

*'il-principju hu .... illi meta d-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu hi espressa, il-kreditur jista' jipprocedi ghall-esekuzzjoni, minghajr il-kundanna gudizzjali precedenti a meno che ma jkunx ghadda z-zmien jew ma jkunx jirrikorru c-cirkostanzi kif kontemplat fl-Artikoli 255 u 257 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili'*

*(Appell Civili, Calcedonio Ciantar vs Francis Grech et deciza il-21, ta' Mejju 1965 kif*

*kwotata mill-Prim'Awla, Anthony Abela vs Ronald Cordina deciza fl-24 ta' Frar 2011)*

*Illi kwindi fl-20 ta' Settembru 2013 meta l-esponenti intavolat l-ewwel ittra ufficjali, il-beneficcju tat-terminu kien digu intilef u ghalhekk bhala kreditrici setghet tipprocedi ghall-esekuzzjoni minghajr l-kundanna gudizzjali.*

*Illi, minghajr pregudizzju ghal dak suespost, kieku stess f'Settembru 2013, ghad li 1-ezekutati odjerni kienu moruzi fi tlett pagamenti, il-perjodu shih ta' sitt xhur koncess kienu*

*ghadu ma skadiex, u ghalhekk b'xi mod jista' jigi interpretat li d-dejn kien ghadu ma ghalaqx, din l-eccezzjoni certament ma setghetx tapplika f'Jannar 2014 meta intbaghtet l-ittra ufficjali li a bazi taghha inhareg il-mandat de quo.*

*Illi fit-13 ta' Jannar 2014, iz-zmien shih koncess lill-ezekutati kien ghalaq u kienu lahqu ghaddew 'l fuq minn xahrejn ohra oltre it-terminu shih moghti fil-kuntratt. Illi kwindi lanqas hemm htiega li tigi mistharrgja il-kwistjoni jekk id-debituri tilfu o meno l-beneficcju tat-terminu.*

*Ill in vista ta' dak kollu suespost jirrizulta manifestament illi l-ittra ufficjali tat-13 ta' Jannar 2014 tissodisfa r-rekwiziti kollha biex trendi l-kuntratt tat-28 ta' Settembru 2013 ezekuttiv u konsegwentement il-Mandat ta' Sekwestru 13/2014 jimmerita li jigi kkonfermat.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l- ezekutati."*

Rat il-verbal tas-17 ta'Marzu 2014, illi permezz tieghu il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom provi x'jipproducu oltre r-rikors u risposta guramentata taghhom u dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

F'din il-kawza r-rikorrenti Kenneth, Jimmy, Stephania u Cheryl Grace Vassallo u socjeta' Clearly Internaltional Limited intavolaw rikors sabiex jigi revokat Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv bin-numru 13/2014 ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, 'l ghaliex:

1. Il-mandat kien kolpit minn zewg difetti indikati fil-paragrafu tlieta (3) tar-rikors li jirrendu l-att invalidu;

2. Il-kuntratt notarili cioe' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi datat 28 ta' Frar 2013 kien jinkludi il-beneficcju ta' terminu ghal pagament bid-dekadenza fl-eventwalita' tan-nuqqas tal-istess pagament, ghaldaqstant kien jehtieg pronunzjament gudizzjarju .

Fil-meritu, Mandat Ezekuttiv bhal dan odjern, jista' jigi impunjat ai termini tal-**Artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12**, li jaqra testwalment hekk:

> ***"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi."***

Illi skond l-insenjament ta' dawn il-Qrati, b'mod specjali ghas-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana et** deciza fil-**5 ta' Mejju 2005** per **Onor. Imhallef Dr. J.R. Micallef**:

***"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispożizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi xelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tiegu, l-parti eżekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il- mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-meritu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir- rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;***

***Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"***

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrenti Vassallo u s-socjeta' rikorrenti jilmentaw illi l-ewwel ittra ufficjali intavolata kienet dik numru 2848/2013 datata 20 ta' Setttembru 2012 meta, in efett, giet presentata fis-sena 2013. Illi inoltre kien sar zball fir-referenza tad-data tal-kuntratt fl-istess ittra ufficjali.

Sussegwentement giet ipprezentata ittra ufficjali ohra fil-13 ta' Jannar 2014 bin–numru 99/2014. Apparti dan, il-mandat ta' sekwestru esekuttiv li kien gie intavolat fis-7 ta' Jannar 2014, kien difettuz u gie pprezentat mandat iehor fit-3 ta' Frar 2014.

**Ir-rikorrenti jilmentaw illi l-mandat ma setghax jigi korrett jew sostitwit**.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti, wara li ezaminat l-atti fuq indikati, tqis illi permezz tal-kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi datat 28 ta' Frar 2013 Dok. C, kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta erbghatax il-elf, erba' mija hamsa u hamsin Ewro (€14,455), il-partijiet ftehmu illi din is-somma, (rapprezentanti arretrati ta' kera gia dovuti), kellha tigi mhallsa fi zmien sitt (6) xhur b'rati mensili. Dekadenza ta' tlett (3) pagamenti mensili konsekuttivi jew somma ekwivalenti ghall-istess, kien jimporta d-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu. Is-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficjali fl-20 ta' Settembru 2013 li kien fiha xi difetti, inkluz is-sena zbaljata u referenza ghad-data zbaljata tal-kuntratt relattiv. Giet pprezentata ittra ufficjali ohra fit-13 ta'Jannar 2014, li giet debitament notifikata skond il-ligi. Il-Qorti rat ukoll illi gie intavolat mandat esekuttiv fis-7 ta' Jannar 2014, li b'ordni tal-Qorti diversament preseduta gie sostitwit, u ghalhekk gie presentat il-Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv tat-3 ta' Frar 2014, li qed jigi impunjat f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tqis illi l-kuntratt Dok.C datat 28 ta' Frar 2013 gie rez ezekuttiv mhux sempliciment bis-sahha ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 2013, izda bl-ittra ufficjali datata 13 ta' Jannar 2014 Dok. B, liema ittra ufficjali giet debitmaent notifikata lir-rikorrenti. Illi di piu kwalunkwe nuqqas li seta' kellu il-Mandat prezentat fis-7 ta' Jannar 2014 gie rimedjat bis-sostituzzjoni tieghu fit-3 ta' Frar 2014.

Illi ghaldaqstant ma jirrizulta ebda difett procedurali, jew tal-forma illi jimporta mieghu n-nullita' tal-mandat 13/2014 u dana 'l ghaliex dan il-mandat jissodisfa r-rekwiziti indikati fis-subincizi wiehed (1) sa erbgha (4) tal-Artikolu 274 tal-Kapitolu 12. Ghalhekk tichad l-ewwel talba.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-tieni lanjanza tar-rikorrenti fis-sens li l-kuntratt tat-28 ta'Frar 2013 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi jinkludi beneficcju ta' terminu ghal pagament bid-dekadenza fl-eventwalita' tan-nuqqas tal-istess pagament li jirrikjedi pronunzjament gudizzjarju biex jawtorizza lil kreditur jezegwixxi il-kuntratt ghall-ammont indikat.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi testwalment is-segwenti:

***253. Huma titoli esekuttivi:***

***(a) Omissis;***

***(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;***

***(c) etc Omissis."***

Fil-kaz in ezami, jirrizulta minghajr ebda dubbju, illi l-ammont indikat fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu **kien jirrigwardja kreditu li ghalaq.** Dan il-kreditu dovut kien jikkoncerna arretrati ta' kera.

Illi permezz tal-kuntratt tat-28 ta'Frar 2013 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi r-rikorrenti debituri ikkonstitwew id-debitu fl-ammont ta' erbghatax il-elf erba' mija hamsa u hamsin Ewro (€14,455) u nghataw beneficcju ta' terminu ta' hlas ta' sitt (6) xhur mit-30 t'April 2013, b'rati mensili ta'elfejn erbgha mija u disgha Ewro u sittax –il centezmu (€2,409.16). **Jirrizulta ukoll illi r-rikorrenti ghamlu biss pagament wiehed.** Ghaldaqstant kull beneficcju ta' terminu intilef zgur sad-data tat-13 ta' Jannar 2014 meta giet prezentata ittra ufficjali ohra li giet debitament notifikata lir-rikorrenti u s-socjeta' rikorrenti

Fil-kaz in ezami, l-Qorti trid tanalizza kemm-il darba l-fatti u cirkostanzi fuq indikati jinnecessitawx pronunzjament gudizzjarju, qabel ma il-kreditur ikun jista' jezegwixxi jew jistax, bis-sahha t'ittra ufficjali, jirrendi l-kuntratt indikat ezegwibbli.

Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenzi citati indikati u anessi man-nota tar-rikorrenti Vassallo u dawk sottomessi minn Blokrete Limited.

**L-Imhallef Eduardo Magri** fis-sentenza **Calcedonio Ciantar vs Francis Grech** et deciza fis-**6 ta' Marzu 1965** irritiena:

> ***"illi meta id-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni bhal kaz prezenti li tiddependi mill-mora fil-pagament tar-rati ta' hlas li kellhom jithallsu, hija necessarja l-awtorizzazzjoni gudizzjali ghall-esekuzzjoni ta' kuntratt jew titolu iehor anki meta ma jkunux ghaddew it-tlett snin mid-data tal-iskadenza jew mid-data tal-att."***

Illi fil-kaz fuq citat **jidher car illi kienu saru pagamenti irregolari u l-kreditu bilancjali kellu jigi stabbilit.**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet fuq citati u cioe' **Calcedonio Ciantar vs Francis Grech** et moghtija pero mill-**Qorti tal-Appell** fil-**21 ta' Mejju 1965,** dik il-Qorti tat direzzjoni carissima:

> ***"Is-sitwazzjoni ezatta kif taraha din il-Qorti hi dina. Normalment il-principju hu – u dana hu espressament affermat fiz-zewg sentenzi fuq imsemmija – illi, meta d-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu hi espressa, il- kreditur***

> ***jista' jipprocedi ghall-ezekuzzjoni, minghajr il- kundanna gudizzjali precedenti tad-debitur jew l- awtorizzazzjoni gudizzjali a meno che ma jkunx ghadda z-zmien jew ma jkunx jirrikorru c-cirkostanzi kif kontemplat fl-artikoli 256 u 257 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. B'dana kollu l-kreditur jista', qabel jghaddi ghall-ezekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni gudizzjali illi l-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza vverifikat ruha. Pero' ghall-finijiet ta' l-ispejjez ta' domanda simili l-Qorti ghandha dritt tara jekk, fil-partikolari, kienx hemm xi ragunjiet li kienu jiggustifikaw il-bzonn ta' dikjarazzjoni gudizzjarja precedenti, bhal per ezempju ghaliex id-debitur ikun ga qanqal kwisjtoni dwar il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza. Minghajr xi cirkostanza simili d-domanda gudizjarja da parti tal-kreditur tkun aktarx inutile u tikkaguna lid-debitur spejjez bla bzonn".***

Fil-kaz in ezami ma hemm ebda dubbju illi l-kreditu (arretrati ta' kera) indikat fil-kuntratt Dok.C, illi tieghu qed tintalab l-esekuzzjoni, kien kreditu cert, likwidu u dovut cioe' "li ghalaq", u dan ai termini ta' Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12. Illi di piu it-terminu tal-beneficcju taz-zmien moghti fil-kuntratt tat-28 ta' Frar 2013, kien wiehed car daqs il-kristall u certament it-terminu ta' dekadenza kien espress f'tali mod illi ma kienx hemm bzonn illi wiehed jirrikorri ghal procediment gudizzjarju biex id-debitur jigi kundannat jew sabiex il-kreditur jkun awtorizzat jipprocedi. Fil-kaz in ezami ma jikkonkorrux cirkostanzi specjali jew partikolari li jinducu lil din il-Qorti taghraf in-neccessita' ta' pronunzjament gudizzjarju.

Il-kaz in ezami ma jikkoncernax *overdraft* fejn allura iridu jigu stabbiliti l-ammonti effettivament dovuti (vide **Lapsi Holdings Limited vs HSBC Bank Malta plc** per **Onor.**

**Imhallef Dr. G Valenzia** deciza fis-**7 t'Ottubru 2005**); jew fejn id-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu ma gietx kontemplata fil-kuntratt (vide **Joseph Debono vs Anthony Mario Vella** deciza fit-**22 t'April 1994** per **Onor Imhallef Dr. A . Manche'**); jew fejn il-kreditur ezegwixxa **qabel** ma ghalaq il-beneficcju tat-terminu ghal pagament indikat fil-kuntratt (vide **Lombard Bank Malta plc vs Euripex Limited Noe et** per **Onor. Imhallef Dr. G Valenzia** deciza fis-2**7 ta'Frar 2004** .

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata Blokrete Limited u tichad t-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti Vassallo u socjeta' Clearly International Limited.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------